**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tad-9 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven kasatsionen – il-Bulgarija) – "Konservinvest"OOD vs "Bulkons Parvomay" OOD**

**(Kawża C-35/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Sistemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u għall-prodotti tal-ikel – Regolament (UE) Nru 1151/2012 – Denominazzjonijiet tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi – Artikolu 9 – Protezzjoni nazzjonali tranżitorja – Indikazzjoni ġeografika li tindika prodott agrikolu, irreġistrat taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jibbenefika minn protezzjoni nazzjonali)***

(2022/C 222/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* "Konservinvest"OOD

*Konvenut:* "Bulkons Parvomay" OOD

**Dispożittiv**

Ir-Regolament (UE) 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi sistema nazzjonali ta' reġistrazzjoni u ta' protezzjoni ta' denominazzjonijiet ġeografiċi kkwalifikati, relatati ma' prodotti agrikoli u ma' prodotti tal-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, li huma intiżi li japplikaw biss għat-tilwim relatat mal-ksur tad-drittijiet li jirriżultaw minn dawn id-denominazzjonijiet bejn negozjanti ta' dak l-Istat Membru li jipproduċu, fit-territorju ta' dan tal-aħħar, il-prodotti li għalihom dawk id-denominazzjonijiet ġew irreġistrati skont din il-leġiżlazzjoni.

([1]) ĠU C 98, 22.3.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Court of Appeal) – l-Irlanda – K.M.**

**(Kawża C-493/21)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika komuni tas-sajd – Regolament (KE) Nru 1224/2009 – Sistema ta' kontroll sabiex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd – Artikolu 89 – Miżuri intiżi sabiex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli Artikolu 90 – Sanzjonijiet kriminali – Prinċipju ta' proporzjonalità – Interpretazzjoni tas-sentenza tal-11 ta' Frar 2021, K. M. (Sanzjonijiet imposti fuq il-kaptan tal-bastiment) (C-77/20, EU:C:2021:112))***

(2022/C 222/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* K.M.

*Konvenut:* Director of Public Prosecutions